*Tibdil fil-Kunjom*

*Kunjom in-nanna materna*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 114/2014/LSO**

**Joseph Naudi normalment maghruf bhala Joseph Naudi Montaldo (karta tal-identita' numru 497661M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

*15 ta' Ottubru 2015.*

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Naudi normalment maghruf bhala Joseph Naudi Montaldo (karta tal-identita' numru 497661M) datat 7 ta’ Frar 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent twieled f’Malta fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) u illi skont l-Att ta' Twelid kellu jissejjah bl-isem Joseph Naudi u dan kif jidher mill-Att ta' Twelid numru 4976 tas-sena 1961 li kopja tieghu hija annessa u mmarkata bhala Dok.A;

Illi ghal zmien twil, ir-rikorrent kien fil-fatt konsistentement maghruf bhala Joseph Naudi Montaldo, u dan kif jidher mid-dokumenti annessi.

Illi kunjom Montaldo huwa l-kunjom ta' omm ‘l omm ir-rikorrenti;

Illi kunjom ir-rikorrent huwa wkoll indikat bhala Naudi Montaldo fuq bosta dokumenti ufficjali, inkluzi l-Karta ta' Identita u l-Licenzja tas-Sewqan;

Illi dan kollu mhux rifless fl-att tat-twelid u r-rikorrenti jixtieq illi dan ma jibqax hekk;

Ir-rikorrenti jaf dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett previa d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija :-

1. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi r-rikorrent huwa fil-fatt maghruf konsistentement bl-isem "Joseph Naudi Montaldo".

2. Tordna illi tali fatt jigi rifless b' korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tieghu numru 4976 tas-sena 1961 billi tordna illi: (i) fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" jitnizzlu l-kliem "kunjom it-tarbija ghandu jkun 'Naudi Montaldo'", u (ii) taghti kull direttiva ohra li jidhrilha xierqa u opportuna.

3. Tordna illi kull bidla ordnata bis-sahha ta' dina s-sentenza u in partikolari kunjom ir-rikorrenti u kif ghandu jissejjah jigu riflessi f' kull att ta' stat civili relattiv ghar-rikorrenti u fejn ikun il-kaz, ghal uliedu u d-dixxendenti tieghu.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' Marzu 2014 (fol 37) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent jirrileva li *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kap 16 mat-twelid ir-rikorrenti assuma kunjom missieru li mieghu seta' izid kunjom xbubit ommu. Illi jirrizulta li kunjom missieru huwa "Naudi" filwaqt li kunjom ommu xebba kien "Caruana". Madanakollu jidher li r-rikorrent ma prevalixxiex ruhu minn dan l-artikolu tal-ligi billi assuma kunjom missieru u warajh zied kunjom xbubit omm ommu, ghaliex wara kunjom missieru beda jaghmel uzu minn kunjom omm ommu xebba ossia "Montaldo". Mid-dokument anness u cioe` Att tat-zwieg ta' omm u missier ir-rikorrenti (Dok. DRP 1) jidher li ommu kellha kunjom "Caruana" filwaqt li kunjom ommha kien "Montaldo". Dan ifisser li ma' kunjom missieru r-rikorrent qed juza kunjom xbubit nanntu materna. Dan il-kunjom ma jaqax taht il-parametri permessi mil-ligi fir-rigward ta' tfal imwielda fiz-zwieg u ghalhekk ir-rikorrenti ma jikkwalifikax sabiex jaghmel uzu minn kunjom nanntu xebba wara dak ta' missieru. Ghaldaqstant tali talba ghandha tigi michuda.

3. Illi l-esponent jirrileva wkoll li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm ebda kunjom li huwa attribwit mar-rikorrenti peress li fl-atti tat-twelid li kienu jsiru qabel l-2005 ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija.

4. Illi t-tielet talba ma tistax tigi milqugha *stante* li *ai termini* tal-artikolu 253(3) ir-rikorrenti naqas milli jaghmel referenza ghall-atti ta' l-istat civili li fihom huwa jrid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa.

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 28 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Ivan Gatt u Dr. Ariana Falzon ghall-intimat. Dr. Falzon ghamlet referenza ghal "Nardu Balzan Imqareb vs Direttur Registru Pubbliku" - Cit 66/89/PS. Dr. Falzon talbet zmien biex tipprezenta nota ta' referenzi bi twegiba ghas-sentenzi pprezentati mir-rikorrent u kellha taghmel dan fi zmien ghaxart ijiem minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi b'din il-kawza, l-attur qed jitlob li jsiru bidliet fl-att ta' stat civili tieghu biex jirrifletti l-fatt li l-kunjom li huwa maghruf bih huwa differenti minn dak muri fl-istess atti;

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi fit-21 ta' Frar 2014 (fol.27-28) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija ezawrita u din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-attur qed jitlob fis-succint, li din il-Qorti tirrikonoxxi li ilu ghal zmien twil, u konsistentement, maghruf bil-kunjom "Naudi Montaldo" u mhux "Naudi." Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jopponi ghal din it-talba billi mhix prevista mil-Ligi b'riferenza ghall-parametri stabbiliti bl-**artikolu 4(3) tal-Kap Sittax tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artiklu jippermetti li mal-kunjom tal-missier jizdied kunjom xubit l-omm izda t-talba tallum hija sabiex tizdied kunjom in-nanna materna mal-kunjom patern (ara Dok C) fejn jirrizulta li kunjom xbubit nanntu huwa "Montaldo".

Mill-aspett fattwali, ir-rikorrent esebixxa dokumentazzjoni kopjuza fejn juri li assuma l-kunjom "Naudi Montaldo" fil-hajja tieghu. Fic-certifikat taz-zwieg tieghu, kunjomu huwa registrat bhala "Naudi *known as* Naudi Montaldo". Esebixxa wkoll kopja tal-karta tal-Identita' tieghu, tal-licenzja tas-sewqan, kontijiet ta' servizzi utili u bankarji (f'wiehed minnhom kunjomu hu mnizzel bhala "Naudi-Montaldo" bis-sing (fol 13) u varji certifikati u dokumenti ohra li jikkorroboraw fattwalment l-allegazzjoni tieghu fejn

huwa jinsab identifikat bil-kunjom "Naudi Montaldo" . Huwa wkoll bil-kunjom "Naudi Montaldo" li hu maghruf fil-hajja professjonali tieghu bhala agent assikurattiv fejn jopera *tramite* l-agenzija maghrufa bl-isem **Montaldo Insurance Agency Limited.**

*Inoltre* esebixxa kopja ta' kuntratt (fol 24) minn fejn jirrizulta li l-partikolari tieghu huma mnizzla bhala iben *'the late Edward Naudi and late Marianne nee` Caruana Montaldo'*. Dan juri li ommu kienet maghrufa bil-kunjom ta' zewgha u ziedet taghha mieghu. Hekk jirrizulta wkoll mill-kopja tal-passaport taghha (fol 47) fejn kunjomha hu registrat bhala 'Caruana Montaldo.' Zijuh ukoll addotta l-kunjom 'Caruana Montaldo' cioe` kunjom missieru b'zieda tal-kunjom xbubit l-omm (in-nanna materna tar-rikorrent). Effettivament skont il-Ligi attwali r-rikorrent jista' igib bhala kunjomu 'Naudi Caruana Montaldo'

Ir-rikorrent xehed ukoll b'affidavit (fol 53-55).

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li mill-provi prodotti r-rikorrent irnexxielu jipprova l-element fattwali tat-talba tieghu billi dawn juru li kemm fil-hajja socjali kif ukoll fil-hajja professjonali tieghu huwa konsistentement maghruf bil-kunjom 'Naudi Montaldo.'

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt Marbuta mat-Talbiet odjerni.**

**Ikkonsidrat** li t-talba odjerna hija ghat-tibdil fil-kunjom (*nom de famille)* u mhux fil-*prenom* tar-rikorrent. Ir-rikorrent qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-**artiklu 253(2) tal-Kap.16.**

Dan qed jigi precizat ghaliex huwa pacifiku li dan l-artiklu jippermetti korrezzjonijiet fl-isem (il-prenom) ta' persuna, u mhux fil-kunjom. Hekk hu l-insenjament tal-Qrati taghna kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. per On.Imh.J. Filletti - 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` kien u hu biss ghall-fini tal-precitat artiklu 253 cirkoskritt ghal dak li bl-ingliz jissejjah "first name" jew "name to be called" – a differenza ta' dak li hu kunjom jew "surname*". *Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra,tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball*."

Dik il-Qorti kompliet:

"*Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro"minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.*

*Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi,la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et**" (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza*."

Din l-iskorta tal-hsieb kompliet fis-sentenzi bhall-kaz **Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(PS) – dec. fit-30 ta' Gunju 2004) u **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** (A.C. 16 ta' Dicembru 2003). It-talba maghmula f'dawn il-kawzi kienu indubbjament fiergha u privi minn kwalsiasi korrelazzjoni bejn il-kunjom li xtaqu jaddottaw u l-kunjom familjari.

Dan il-principju gie spjegat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fuq citata), fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe"** – sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet **"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"**,* u ***"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, 2 ta' Marzu 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid.*

*Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

It-talba tallum hija ghaz-zieda tal-kunjom "Montaldo" li hija parti biss mill-kunjom, jew *nom de famille* ta' omm ir-rikorrent, imma mhuwiex propjament kunjom xbubitha li huwa 'Caruana Montaldo.' Fic-cirkostanzi, it-talba odjerna tekwivali ghall-talba ghat-tibdil fil-kunjom. Lanqas ma jista' jinghad li kien hemm zball fir-registrazzjoni fuq l-Att tat-twelid - f'tali kaz il-funzjoni ta' din il-Qorti kienet tkun wahda semplici. Anzi jirrizulta li omm ir-rikorrenti stess , u anke huha, addottaw il-kunjom 'Caruana Montaldo' li hu korrett u previst mill-Ligi..

Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -** (PA(JRM) - 21 ta' Marzu 2002) : - "*Illi l-bidla f'Atti tal-Istat Civili hija mahsuba mill-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjoni f'atti bhal dawn."*

Il-Qorti kompliet :-

"*Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabilita u*

*accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid, matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih*[1]*. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi;*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[2]

F'dik il-kawza c-cirkostanzi kienu kemmxejn differenti billi lill-Qorti rrizultalha li missier ir-rikorrent kien Ellul filwaqt li n-nanna paterna kellha l-kunjom 'Mercer' u l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala 'Ellul Mercer' kienet stabbilita ghal zmien twil. B'hekk biz-zieda mitluba minnu, r-rikorrent fir-realta' kien qed jaddotta l-kunjom patern dejjem fil-parametri konsentiti bil-Ligi.[3]

Fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Louis George Padovani Ginies vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (deciza fid-29 ta' Settembru 2015) din il-Qorti kellha okkazzjoni tezamina l-principji fuq enuncjati. F'dik il-kawza t-talba kienet sabiex ir-rikorrent ikompli juza parti mill-kunjom tieghu u cioe` 'Padovani' biss li kien l-ewwel parti mill-kunjom patern u din il-Qorti sabet li t-talba kienet

---

[1] Art.4(3) tal-Kap.16
[2] *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku.***
[3] Ara wkoll **Harold Ellul Mercer et v id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(JRM) - 5 ta' April 2001).

tirrifletti n-*nom de famille* tar-rikorrent tul is-snin billi anke familjari tieghu kienu waqqghu it-tieni kunjom.

Fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti taghti rikonoxximent ghall-uzu ta' kunjom li lanqas jista' jinghad li huwa n-*nom de famille* ta' ommu ghaliex dan proprjament huwa 'Caruana Montaldo.' B'hekk anke n-ness familjari huwa nieqes.

Illi l-fatt wahdu li persuna jaghzel kunjom u jibda juzaha ma jfissirx li b'hekk tali ghazla bilfors ghandha tinghata rikonoxximent legali semplicement ghaliex holoq stat ta' fatt gdid u kunjom gdid. Il-flessibilita' murija mill-Qrati taghna f'cirkostanzi differenti ma joffrux, fil-fehma tal-Qorti, konfort lir-rikorrent odjern billi l-kunjom li jiztieq juza huwa dik tan-nanna materna b'dana li qed sahansitra jikkancella kunjom xbubi ommu li huwa 'Caruana'. Mhuwiex certament il-hsieb tal-legislatur, u lanqas tal-Qrati taghna, li jippermettu li jsiru dawn l-ghazliet *a godimento* mill- kunjomijiet uzati mill-antenati ta' dak li jkun.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad it-talbiet bhala insostenibblii fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet fis-sens li **tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Intimat Direttur tar-**

**Registru Pubbliku** u **tichad it-talbiet attrici** *stante* li mhumiex gustifikati skont il-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-Rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Ottubru 2015**